MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 741/2010

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Nordictra Online Ltd. (C41982) u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2010 Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-istess socjeta`**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-Socjeta GO p.l.c. (C22334) datat 23 ta' Lulju 2010 a fol. 1 tal-process fejn Dr. Keith Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici debitament awtorizzat bid-dikjarazzjoni solenni tieghu jesponi:-

Illi s-Socjeta` attrici u dik konvenuta dahlu f'relazzjoni kuntrattwali ghall-provvista ta' servizzi ta' Internet Connectivity u ta' Customer Co-location u servizzi teknici relatati, *tramite* zewg kuntratti datati 7 ta' Awwissu 2007 (Dok "A" u "B").

Illi s-socjeta` Maltacom p.l.c. bidlet isimha ghal GO p.l.c, u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita` guridika taghha *stante* li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa' l-istess, cioe C-22334, u dan kif jirrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok "C".

Illi s-Soċjeta' attrici pprestat is-servizzi kontrattati lis-Socjeta' konvenuta, skont il' fuq imsemmija ftehim.

Illi s-Socjeta' konvenuta għandha tagħti lis-Soċjeta' attriċi s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf sitt mija tnejn u tletin ewro u erbgha u tletin ċenteżmu, (€27,632.34) u dan skont id-dokument immarkat bħala Dok "D".

Illi s-Socjeta' konvenuta nterpellata, biex tħallas, baqgħet inadempjenti.

Illi l-Avukat Keith Grech huwa mpjegat tas-Soċjeta` GO p.l.c. u jaf b'dawn il-fatti personalment wara li vverifika ma' l-informazzjoni fil-pussess tas-socjeta` attrici.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigħ *a tenur* tal-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

2. Tikkundanna lis-Socjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf sitt mija tnejn u tletin ewro u erbgha u tletin centezmu (€27,632.34), rappreżentanti ammont dovut għas-servizzi

mogħtija mis-soċjeta’ attriċi lis-Soċjeta’ konvenuta skont id-dokumenti annessi.

Bl-ispejjez, tal-preżenti, u bl-imgħaxijiet, kontra s-Socjeta’ konvenuta, li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 38 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2010.

Rat id-digriet datat 25 ta’ Ottubru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati hemm indikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 10 ta’ Dicembru 2010 a fol. 52 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 53 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta’ Frar 2011 fejn deher il-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici. Peress li Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-PL Doreen Aquilina bhala kuraturi deputati msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux il-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza saret sabiex is-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €27,632.34 rapprezentanti provista ta' servizzi ta' Internet Connectivity u ta' Customer Co-location u servizzi relatati ma zewg kuntratti datati 7 ta' Awwissu 2007 (Dok "A" u Dok "B"), il-valur ta' liema servizzi jammontaw ghal tali somma fuq indikata kif jirrizulta minn Dok "D".

Illi l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u mix-xhieda ta' Dr. Keith Grech u l-PL Noel Scerri u ma gew bl-ebda mod kontestati u ghalhekk il-Qorti qed tilqa' it-talba attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati kontenuti fir-risposta guramentata taghhom biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' it-talba attrici** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf sitt mija tnejn u tletin ewro u erbgha u tletin centezmu (€27,632.34), rappreżentanti ammont dovut għas-servizzi mogħtija mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta skont id-dokumenti annessi.

Bl-imghax legali mid-data tat-22 ta' Lulju 2010 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------